

# Programm

## tal-Festi

organizzati mill-

## Għaqda Mużikali Imperial

fl-okkażjoni tal-Festa

ad Unur ta'

# Marija Bambina

## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

**Mill-24 t'Awissu sat-8 ta' Settembru 2007**

### Il-Ġimgħa, 24 t'Awissu

**8.00p.m.** Barbeque fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor.

### It-Tnejn, 27 t'Awissu

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Anthony Borg.

### It-Tlieta, 28 t'Awissu

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-Emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### L-Erbgħa, 29 t'Awissu

**8.00p.m.** Riċeviment għall-bandisti, membri tal-Kor flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom fis-Sala tal-

Każin. Il-bandisti u l-membri tal-Kor jingħataw tifkira bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom b'riżq l-Għaqda Mużikali Imperial.

## Il-Ħamis, 30 t'Awissu

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Anthony Borg.

## Il-Ġimgħa, 31 t'Awissu

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet".

## It-Tnejn, 3 ta' Settembru

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Din is-sena, dan il-programm se jsir bħala tifkira ta' l-Għaxar Anniversarju minn meta is- Surmast Anthony Borg ingħata f'idejh it-tmexxija tal-Banda Imperial. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

## It-Tlieta, 4 ta' Settembru

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn naħa ta' Pennellu, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza tal-Parroċċa fost il-briju tal-partitarji tal-banda.

## L-Erbgħa, 5 ta' Settembru

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla li jibda minn Triq is-Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Pubbliju, Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Parroċċa.

## Il-Ħamis, 6 ta' Settembru

**7.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija Triq Frangisku Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Parroċċa. Hekk kif tasal fil-Pjazza, il-Banda takkumpanja t- tlugħ ta' l- Istatwa ta' Malta fuq il-pedestall tagħha bid-daqq ta' L-Innu Malti.

## Il-Ġimgħa, 7 ta'Settembru

**7.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira (ħdejn il-Mitħna) sal-Pjazza tal-Parroċċa. Wara, il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-programm jingħalaq bid-daqq ta' l-Innu Marċ Popolari "Ta' l-Iljun" flimkien ma' l-Innu tal-Banda.

**9.30p.m.** Il-Banda Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg tesegwixxi l-Innu "Ad Unur ta' Marija Bambina", versi ta' Nikol Biancardi u mużika tas-Surmast Vinċenzo Ciappara. Flimkien mal-Banda, jieħdu sehem it-Tenur Brian Cefai, il-Baritonu Alfred Camilleri u l-Kor ta' l-Għaqda Mużikali Imperial. Il-programm jintemm bid-daqq ta' l-Innu Marċ Popolari "Ta'l-Iljun", flimkien ma' l- Innu tal-Banda, fost il-briju tal-partitarji u nies preżenti

## Is-Sibt, 8 ta' Settembru

**5.30p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna sal- Pjazza tal-Parroċċa.

Wara jittella' programm mużikali mill-Banda San Sebastjan taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Domenic Darmanin F.L.C.M. quddiem il- Każin. Il-programm jilħaq il-qofol tiegħu bid- daqq ta' l- Innu "Ad Unur ta' Marija Bambina" hekk kif l- istatwa tasal quddiem il-Każin.

*Viva Marija Bambina!*